**7 ta' Novembru, 1997**

***Imħallef:-***

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Dr. Peter Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà MacPherson Mediterranean Limited

*versus*

Medina Food Manufacturing Company Limited

**Preskrizzjoni Estintiva - Artikoli 2148 (b), 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili - Preskrizzjoni tat-Tmintax-il Xahar jew tal-Hames Snin - Bejgħ bl-Imnut jew bl-Ingrossa**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi rriteniet illi kienet applikabbli l-prskrizzjoni tal-hames snin u mhux tat-tmintax-il xahar.*

*Eżami tal-Ġurisprudenza li ddistingwiet l-artikoli* in materia.

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi qed tappella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ddeċidiet li t-talba tagħha għall-ħlas ta' merkanzija minnha mibjugħa u kkonsenjata lis-soċjetà konvenuta kienet preskritta a tenur tas-subinċiż (b) ta' l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* fit-28 ta' Marzu, 1996, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-kumpannija konvenuta li tħallas is-somma ta' (mija, erba' u ħamsin lira Maltija u ħames ċenteżmi) Lm154.05 dovuta bħala prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u debitament ikkonsenjata;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar, 1996 u bl-interessi kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fejn eċċepiet il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-meritu t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine* billi l-prezz taż-żebgħa li kienet rikjesta għax-xogħol tas-soċjetà konvenuta, fuq parir ta' l-attur *nomine* wara li spezzjona l-istess xogħol, huwa mħallas fl-intier tiegħu u jekk intużat xi żebgħa extra dan kien għaliex iż-żebgħa fornita ma kinitx tal-kwalità pattwita u ma kinitx tkopri l-*area* garantit mill-attur *nomine* kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk l-ammont mitlub mhux dovut;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, il-kumpannija konvenuta poġġiet l-ostakolu tal-preskrizzjoni għall-azzjoni attriċi. Ikkwotat l-artikolu 2148 (b) li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar għall-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija oġġett jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

Irriżulta mill-provi, li fl-1993 id-ditta konvenuta riedet tbajjad u tagħmel alterazzjonijiet strutturali fil-fabbrika tagħha *Ħal Far*. *Jean Paul Busuttil, direttur tal-kumpannija* konvenuta, qabbad lid-ditta attriċi bħala konsulenti u biex jipprovdu l-kwalità taż-żebgħa meħtieġa fil-kwantità neċessarja;

Għan-nom tal-kumpannija attriċi kien qed jippresta ruħu Franco Buttigieg li wara li ħa l-kejl neċessarju u segwa x-xogħol isir ikkalkola li kien hemm bżonn ta' 100 litru żebgħa biex ikopri l-fabbrika kollha. Fit-23 ta' Marzu, 1993, intbagħtet stima ddettaljata mill-kumpannija attriċi fejn ġie spjegat it-tip, l-ammont u l-prezz taż-żebgħa li l-kumpannija konvenuta kien

ser ikollha bżonn biex tirrenova l-fabbrika;

Din l-istima ġiet aċċettata u Jean Paul Bonnici beda xogħlijiet b'ħaddiema li ġew irrakkomandati mid-ditta attriċi;

Meta tlestew ix-xogħlijiet u ntbagħat il-kont, Busuttil sab li l-ammont ta' żebgħa kkunsmat kien aktar għoli minn dak ikkuntrattat u rrifjuta li jħallas id-differenza. Fis-6 ta' Awissu, 1993 bagħat ittra lid-ditta attriċi fejn spjega l-posizzjoni tiegħu u tenna r-rifjut li jħallas id-differenza. Wara din l-ittra ma sema' xejn aktar sakemm fl-aħħar ġie infaċċjat b'dawn il-proċeduri;

Ikkunsidrat:

Illi ġie ripurtat fil-kawża **Constantino Balzan** *et vs* **Carmelo Chetucti** *et (Vol. XXXIV, pt. I, p. 29) li: "Il-ġurisprudenza tagħna ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bbażati fuq il-preżunzjoni tal-pagamenti, għax il-ġurament li l-eċċipjent jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda li mhux debitur, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibbli ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-eċċipjent mhux debitur";

F'dan il-każ Jean Paul Busuttil għamel iż-żewġ affarijiet: ħa l-ġurament li ma kellu jagħti xejn lid-ditta attriċi u spjega għaliex. Dan, abbinat mat-terminu fil-kuntest ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 li għadda favur il-kumpannija konvenuta, jpoġġi *din l-azzjoni tal-kumpannija attriċi nettament preskritta*;

Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċidi illi filwat li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta, tiddikjara *l-azzjoni attriċi preskritta u konsegwentement tiċħad it-talba bl-*ispejjeż kontra l-kumpannija attriċi";

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti għandhom ikunu limitati għall-aggravju tas-soċjetà attriċi li "jikkonsisti prinċipalment fil-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża a bażi ta' l-artikolu żbaljat". L-attur *nomine* hekk jelabora u jillimita l-aggravju tiegħu:

"Illi l-fatti in suċċint huma dawn:

L-attur *nomine* huwa kemm manifattur ta' żebgħa kif ukoll importatur ta' l-istess;

L-attur *nomine* jopera mill-fabbrika tiegħu li tinsab ġewwa r-Rinella, il-Kalkara, u bħala regola ma jbigħx bl-imnut;

L-attur *nomine* jbiegħ lill-ħwienet tal-merċa l-prodotti tiegħu;

Li xi ħadd mis-soċjetà appellata kien mar direttament il-fabbrika fejn skond ix-xhieda tagħha stess, wara li talab parir xtara ż-żebgħa in kwistjoni u din ġiet debitament ikkonsenjata;

Li skond l-istess xhieda tagħha, is-soċjetà konvenut ammettiet li użat din il-merkanzija u li baqgħet ma ħallsitx tagħha;

*Li fil-prim'istanza ġie spjegat li l-kumpannija attriċi ma* taħdimx bl-imnut, iżda *wholesale*, fis-sens li hija tbigħ il-prodotti tagħha lill-*ironmongers* u lill-ħwienet taż-żebgħa u mhux lil-konsumatur;

Illi l-artikolu li jirregola l-preskrizzjoni f'dawn it-transazzjonijiet huwa l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ikkonfermat f'diversi sentenzi

fosthom **Guido Bonello Ghio** *noe vs* **Walter Bonnici** *noe* (Avv. nru. 548/84 deċiża 04/12/95) u li jindika l-perijodu ta' preskrizzjoni bħala wieħed ta' ħames snin u mhux ta' tmintax-il xahar kif eċċepiet is-soċjetà appellata";

Minn dan l-aggravju hu ovvju illi l-uniku ilment ta' l-appellant *nomine* hu li *għall-fatti tal-każ in eżami ma kinitx* applikabbli l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qasira ta' tmintax-il xahar invokata mis-soċjetà appellata a tenur ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 għall-bejgħ ta' prodotti bl-imnut. Din il-Qorti trid (ara allura jekk kinitx applikabbli invece il-preskrizzjoni kwinkwennali li tirregola l-bejgħ bl-ingrossa kif ipprovdut fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16). Irid allura jiġi stabbilit jekk in-negozju li ta lok għall-preżenti vertenza kienx wieħed ta' bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa. Din il-materja ġiet ittrattata b'mod awtorevoli mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 1967 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Micallef** *pro et noe vs* **Francis Mercieca** li hekk iddeċidiet:

"Illi l-liġi tagħna in materja ma segwitx it-test tal-liġi Taljana u *Franċiża li ġeneralment servew lil-leġislatur tagħna* ta' modell. Dawn jitrattaw dwar krediti ta' kummerċjanti għall-pezz ta' merċi minnhom mibjugħa skond l-artikolu 2139 tal-Kodiċi Taljan ta' l-1865 lill-"*persone che non ne fanno commercio*" u skond l-artikolu 2272 tal-Kodiċi Franċiż (segwit fl-artikolu 2178 tal-Kodiċi Naplitan, artikolu 2317 tal-Kodiċi Estensi u artikolu 2400 tal-Kodiċi Albertin) lill-"*particuliers non marchants*"";

"Illi minn dan jidher li d-distinzjoni fondamentali li ried jagħmel il-leġislatur tagħna kienet bejn il-bejgħ bl-imnut u l-bejgħ bl-ingrossa. Il-kriterju distintiv ġie ddelineat f'paragrafu, in segwitu ripetutatament ċitat, tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ ippresjeduta mill-Imħallef Paolo DeBono fil-15

ta' Novembru, 1892 fl-ismijiet **Attard** ***vs*** **Refalo**;

"*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende pero lo più ai consumatori e in piccole quantità misurate del bisogno di costoro*" (Koll. Vol. *XIII.294);*

Tkompli dik is-sentenza:

"Illi aċċettat dan in linea ta' prinċipju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar, 1912 fl-ismijiet **Fenech** ***vs*** **Galea** (Koll. Vol. XXI.I.406) opportunatament aġġunġiet illi l-liġi fid-disposizzjoni in eżami ma tharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tad-dettaljatur, imma thares biss lejn il-vendita fiha nnifisha "*e se questa è fatta a minuto, cioe, in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che de quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio*";

Din is-sentenza ġiet ampjament ċitata ukoll fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti (Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Michael Fenech** ***nomine vs*** **Pio Camilleri**, deċiża fit-18 ta' Jannar, 1993 - ċitata ukoll mis-soċjetà appellata *nomine*. Eżami akkurat ta' dik is-sentenza li abbraċċjat l-insenjament preċedenti wassal però għall-konklużjoni ben differenti minn dik li waslet għaliha s-soċjetà appellata u eżami komparat taż-żewġ sentenzi infatti jikkonforta t-teżi ta' l-attur *nomine* li fil-każ taħt eżami ma kinitx applikabbli l-preskrizzjoni qasira ta'

tmintax-il xahar għall-bejgħ bl-imnut benke dik itwal ta' ħames snin għall-bejgħ ta' merkanzija bl-ingrossa;

Infatti f'din l-aħħar sentenza din il-Qorti, wara li ċċitat b'approvazzjoni dak li kien qal l-Imħallef Giovanni Pullicino fl-Appell Inferjuri fil-kawża **Fenech** *vs* **Galea**, fuq ċitata irriteniet li "l-liġi fid-disposizzjoni dwar dina l-preskrizzjoni ma tħarisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant ta' grossista jew minutant imma tħares lejn il-vendita partikolari in kwistjoni per se, għaliex il-grossista jista' minn xi daqqiet ibigħ eċċezzjonijiet bid-dettal";

Issa fis-sentenza **Emanuel Micallef** *vs* **Francis Mercieca** fuq riferita din il-Qorti rriżultalha li l-appellant, li kien jaħdem l-għamara, kien, meta jonqsu xi ħaġa, jixtri dak li jonqsu mill-ħanut ta' l-attur u ħarsa lejn il-kont ma kienx iħalli dubbju dwar in-natura tad-diversi partiti ta' bejgħ li kienu kjarament magħmula bl-imnut anke jekk seta' jiġi argumentat li tali s-soċjetà venditriċi kienet grossista;

Mill-banda l-oħra fil-kawża **Michael Fenech** *vs* **Pio Camilleri**, iċ-ċirkostanzi ta' fatt huma pjuttost l-invers u ferm aktar simili għall-fatti tal-każ taħt eżami. F'dak il-każ il-Qorti rriteniet illi "apparti li temerġi ċara l-kwalità ta' grossista tas-soċjetà attriċi (kif jirriżulta bla dubbju fil-każ taħt eżami)... hemm il-fatt illi l-ammont ta' gass fornit jitkellem waħdu kif ukoll il-kont relattiv". "Fil-fehma ta' din il-Qorti ċertament f'dan il-każ m'aħniex nitkellmu <u>fuq kwantitajiet miżurati skond il-bżonn</u> tal-konsumatur iżda konsenja waħda kbira ta' *gas oil* li faċilment setgħet tinxtara fi kwantitajiet iżgħar skond il-bżonn". F'dak il-każ si trattava infatti ta' ħames mitt gallun *gas oil* u konsenja ta' din il-kwantità għall-impjant ta' *air conditioner* ta' dar ma tistax ħlief titqies minn dik il-Qorti bħala waħda bl-ingrossa;

Fil-każ taħt eżami din il-Qorti ma tistax ma tinnotax:

Illi l-element tal-kwantità li jiddistingwi l-bejgħ bħala wieħed *wholesale* u mhux bħala wieħed *retail* ċertament ġie sodisfatt. Dan jirriżulta kemm mill-ammont ta' l-ordni li kienet tirrigwarda żebgħa biex tiġi miżbugħa mill-ġdid fabbrika sħiħa kif ukoll mill-valur tagħha. Total inġenti ta' żebgħa li jmur oltre dak oriġinarjament miftiehem ta' 115 il-litru u dana għall-prezz finali u komplessiv ta' Lm825.051;

Illi n-negozju bejn il-partijiet ma kienx limitat għall-operazzjoni sempliċi ta' komprovendita kif ikun fil-każ ta' bejgħ bl-imnut imma kien jinvolvi element ta' negozju dwar il-kwalità tal-prodott (żebgħa), il-konsistenza tiegħu, il-kapaċità tiegħu għal ċertu tip ta' xogħol u pariri da parti tal-venditur dwar kemm kien jeħtieġ żebgħa biex ix-xogħol isir kollu. Indubbjament il-ftehim kien jinkludi li l-kwantità kbira ta' żebgħa meħtieġa, tinxtara kollha f'salt wieħed u l-kompratur kien qed jifhem illi l-venditur kien qed jidħol responsabbli versu lejh li l-kwantità ta' żebgħa minnu mixtrija fuq il-parir tas-soċjetà appellanti kienet ser tkun adegwata u li biha ser ikun moqdi. Tant li s-soċjetà konvenuta qiegħda issa tirrifjuta li tħallas bilanċ rappreżentanti il-prezz ta' żebgħa li kien jeħtiġilha tixtri in eċċess ta' dak indikat mill-istess soċjetà venditriċi bħala li kienet u li kellha tkun adegwata għall-ħtiġijiet tiegħu;

Hu ċar li f'sitwazzjoni simili hu ferm oltre minn sempliċi bejgħ ta' merkanzija bl-imnut u li l-fatti kif jirriżultaw jattaljaw aktar mal-figura ġuridika tal-bejgħ bl-ingrossa kif delineata fil-ġurisprudenza li għaliha saret referenza;

L-appell jimmerita li jiġi għalhekk milqugħ;